***Stqarrija għall-Istampa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)***

# Konferenza għat-Tnedija tal-Proġett SKIN

Il-promozzjoni tal-ugwaljanza razzjali hija l-għan ewlieni tal-proġett ġdid ko-finanzjat mill-UE li tniedai mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) bi sħab mal-Aditus Foundation, '*Strengthening Knowledge on Integration and Non-Discrimination*' (SKIN). L-għan tal-proġett huwa li jidentifika l-ħtiġijiet u d-diskriminazzjoni li jsofru gruppi vulnerabbli, bħall-migranti u l-Musulmani.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg saħqet li l-inugwaljanzi razzjali jxekklu d-dinjità, l-opportunitatjiet, il-prosperità, u l-benesseri tal-kommunitajiet affettwati. F'dan ir-rigward, sar ħafna xogħol bil-għan li jingħeleb ir-razziżmu f'Malta. L-Istrateġija Kontra r-Razziżmu 2021–2023 hi xhieda tal-impenn tal-Gvern biex jiġu indirizzati bosta forom ta' razziżmu u l-promozzjoni tal-integrazzjoni interkulturali. Minn barra dan, iktar kmieni din is-sena, il-Gvern nieda konsultazzjoni pubblika dwar it-tieni *policy* u pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar l-integrazzjoni.

L-Onor. Buttigieg spjegat li l-inizjattivi mwettqa mill-NCPE, inklużi dawk li se jiġu implementati bħala parti mill-proġett SKIN, huma konformi mal-impenn tal-Gvern li jkompli jaħdem biex tissaħħaħ l-ugwaljanza permezz ta' iżjed għarfien dwar id-diskriminazzjoni u l-effetti negattivi fuq l-individwi u s-soċjetà.

Fid-diskors tagħha, il-Kummissarju tal-NCPE is-Sa Renee Laiviera spjegat li skont studju tal-2018 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), 38% tal-parteċipanti f'Malta sofrew diskriminazzjoni fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ ibbażata fuq 'l-isfond etniku jew ta' immigrazzjoni' tagħhom. Is-Sa Laiviera tenniet li r-razza u l-oriġini etnika tal-individwi m'għandhomx jiddeterminaw it-trattament tagħhom fil-post tax-xogħol, fl-edukazzjoni, fis-servizzi finanzjarji u fil-provvista ta' oġġetti u servizzi.

F'dan il-kuntest, l-NCPE taħdem b'mod attiv biex tinħoloq soċjetà li tħaddan l-ugwaljanza u tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni razzjali. Minbarra l-promozzjoni tal-

ugwaljanza, l-NCPE bħala korp tal-ugwaljanza, tista' tinvestiga lmenti ta' diskriminazzjoni abbażi tar-razza u l-oriġini etnika fl-impjieg, l-edukazzjoni, il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll fl-aċċess u l-provvista tal-oġġetti u s-servizzi bħala parti mill-mandat.

Is-Sa Annalise Frantz, NCPE Maniġer (Proġetti) tat ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li se jiġu implementati. Dawn jinkludu kampanja biex tkompli teduka u tqajjem kuxjenza dwar ir-razziżmu, u tliet sessjonijiet biex ikompli jissaħħaħ l-għarfien tal-istaff tal-NCPE. Barra minn hekk, se jiġu organizzati *focus groups* ma' migranti u ma' persuni Musulmani, filwaqt li se jingħata taħriġ lil erba' gruppi speċifiċi: istituzzjonijiet u entitajiet pubbliċi, *shop stewards*, migranti u persuni Musulmani.

Min-naħa tiegħu, Dr Neil Falzon, id-Direttur tal-Aditus, enfasizza l-importanza tal-involviment attiv ta' migranti attivisti u ta' gruppi mmexxija mill-migranti. Dr Falzon tkellem dwar l-isfidi li jiltaqgħu magħhom dawn il-gruppi fl-aċċess għall-opportunitajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ssuġġerixxa metodi għal djalogu ġenwin u inklussiv.

Il-parteċipanti tal-Konferenza ħadmu fi gruppi biex jiddiskutu l-isterjotipi razzjali, kif ukoll miżuri u inizjattivi biex jiġi indirizzat ir-razziżmu. Dawn id-diskussjonijiet se jinfurmaw iktar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.

L-NCPE se tkompli taħdem biex twettaq dawn l-inizjattivi bil-għan li ssaħħaħ il-promozzjoni tal-ugwaljanza razzjali fis-soċjetà kollha.

**20 ta' Lulju 2023**